MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 907/1996/1

**Marco Tanti**

**v.**

**O.F. Gollcher & Sons Limited bhala rapprezentanti lokali tas-socjeta` estera Lloyds Underwriters**

**Il-Qorti:**

## I PRELIMINARI – IS-SENTENZA APPELLATA

1. Din il-kawza tikkoncerna kwistjoni dwar kuntratt ta' assigurazzjoni. Marco Tanti ("l-attur" jew "l-appellant") assigura ziemel tat-tigrija tat-trott ma' Lloyd's Underwriters ("is-socjeta` konvenuta" jew "Lloyd's" jew "l-assiguratur" jew "id-ditta appellata"). Wara xi zmien dan iz-ziemel

instab mejjet fl-istalla tieghu u allura l-attur ippretenda li jigi rizarcit ghad-danni mill-assiguratur tieghu. Dan, pero` oppona din it-talba billi allega li ma kienx marbut bil-polza ta’ assigurazzjoni ghar-raguni li meta l-attur mela l-*Proposal Form* huwa halla barra informazzjoni materjali. L-assiguratur ikkontesta l-kawza mhux biss b’eccezzjonijiet izda wkoll b’kontro-talba li fiha talab lill-Qorti tiddikjara l-kuntratt ta’ assigurazzjoni in kwistjoni bhala wiehed null u minghajr ebda effett skond il-ligi.

2. L-ewwel Qorti laqghet il-kontestazzjoni maghmulha mis-socjeta` konvenuta, iddikjarat il-kuntratt ta’ assigurazzjoni relattiv bhala wiehed null u minghajr effett skond il-ligi u ghalhekk cahdet it-talbiet kollha ta’ l-attur. Din is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, li nghatat fit-30 ta’ April 2002, taqra hekk:

**“Il-Qorti,**

**“I. PRELIMINARI.**

“Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:-

“Illi s-socjeta’ Fenici Insurance Brokers Ltd. ghan-nom tas-socjeta’ estera *Lloyds Underwriters*, permezz ta’ polza ta’ assigurazzjoni numru 480589380003/95 *(Livestock/Bloodstock Insurance)* assigurat ziemel ghat-trott bl-isem ta’ “*Viking Star*”, liema polza kienet valida ghal perjodu bejn il-25 ta’ Awissu 1995 sal-24 ta’ Frar 1996 u ggib id-data tal-31 ta’ Awissu 1995 (Dok. “A”.);

“Illi s-socjeta’ Fenici Insurance Brokers Ltd. fl-istess kapacita taghha premess kienet gia assikurat l-istess ziemel permezz ta’ polza ta’ assigurazzjoni ohra numru 435689380003/95 favur Joe Debattista s-sid precedenti u mportatur ta’ dan iz-ziemel liema polza kienet iggib id-data tal-24 ta’ Frar 1995 u kienet tkopri l-perjodu mill-24 ta’ Frar 1995 sat-23 ta’ Frar 1996 (Dok B);

“Illi meta l-attur kien xtara dan iz-ziemel minghand Joe Debattista, huwa kien gie avzat mill-istess socjeta’ Fenici sabiex johrog polza ta’ assikurazzjoni gdida ghal fuq ismu (Dok. “A”) minflok tigi trasferita l-polza gia mahruga fuq

Debattista (Dok. “B”), haga li fil-fatt ghamel l-istess attur u liema polza, Dok. “A”, kienet giet accettata mis-socjeta’ Fenici fil-kwalita’ fuq premessa;

“Illi s-socjeta’ assikuratrici estera Lloyds Underwriters inkarigat lis-socjeta’ konvenuta O. F. Gollcher & Sons Ltd. sabiex tirraprezentaha u tiehu hsieb l-interessi taghha f’dan il-kaz partikolari minflok is-socjeta’ Fenici Insurance Brokers Ltd.;

“Illi l-istess ziemel kien instab mejjet fl-istalla tieghu nhar it-30 ta’ Ottubru 1995 (Dok. “C”);

“Illi z-ziemel meritu tal-kaz odjern kien jinsab assikurat fl-ammont ta’ sitt elef lira Maltija (Lm6,000);

“Illi *ai termini* tal-imsemmija polza s-socjeta’ konvenuta *Lloyds Underwriters* kif illum rapprezentata hawn Malta mis-socjeta konvenuta O.F. Gollcher & Sons Ltd, hija obbligata li thallas lill-attur l-ammont ta’ danni minnu sofferti kawza tal-mewt taz-ziemel konsistenti dawn l-istess danni fil-valur taz-ziemel li gie stabbilit skond l-istess polza fl-ammont ta’ Lm6,000;

“Illi nonostante li s-socjeta’ konvenuta kienet giet interpellata biex tersaq ghal hlas tad-danni sofferti mill-attur kif premess ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni, s-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti Dok “D” u Dok “E”.

“Illi ghalhekk l-attur talab li s-socjeta’ konvenuta fil-kwalita taghha premessa tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandhiex din l-Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta’ konvenuta hija obbligata *ai termini* tal-polza tal-assikurazzjoni fuq identifikata tat-tip *Livestock/bloodstock Insurance*, li thallas u tirrimborsa lill-attur is-somma ta’ Lm6,000 rappresentanti valur tad-danni minnu sofferti fit-telfa taz-ziemel assikurat li nstab mejjet nhar it-30 ta’ Ottubru 1995;

*2.* Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000) *ai termini* ta' l-ewwel domanda ta' din ic-citazzjoni.

"Bl-ispejjez u bl-interessi legali dekorribbli mill-prezentata tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Frar 1996 sal-effettiv pagament ghas-saldu kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa d-dirigenti taghha qed jigu ngunti personalment ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 16 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-30 ta' Lulju 1996 fejn gie eccepit:-

(1) Illi qabel xejn l-attur ghandu jippreciza min mill-entitajiet citati qeghdin jigu mharrkin billi mhuwiex car jekk il-konvenut huwiex O.F. Gollcher & Sons Ltd. jew Lloyds Underwriters.

(2) Illi l-kuntratt ta' assikurazzjoni *de quo* huwa null u minghajr effett stante li l-informazzjoni u d-dikjarazzjonijiet maghmula mill-attur sabiex tinhareg il-polza huma inkorretti u inkompleti meta l-partijiet stipulaw fl-istess kuntratt u fil-*proposal form* li tali informazzjoni u dikjarazzjonijiet huma fatti materjali li jmisshom gew kompletament u korrettement dikjarati a bazi tal-principju li kuntratt ta' assikurazzjoni jirrikjedi *uberrimae fidei* da parti tal-assikurat u ghalhekk il-konvenuti qeghdin jipprevalixxu ruhhom mill-fakulta li ttihom il-ligi u jipprezentaw talba rikonvenzjonali f'dan is-sens.

(3) Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, f'kaz li jigi b'xi mod determinat illi l-konvenuti huma responsabbli ghar-risarciment taht l-imsemmija polza, l-attur ghandu jipprova l-valur attwali taz-ziemel fid-data tal-mewt tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti.

Rat il-**kontro-talba** tas-socjeta' konvenuta bhala rappresentant lokali ta' Lloyds Underwriters a fol. 22 tal-process fejn l-istess socjeta' konvenuta ppremettiet:-

Illi l-kontendenti dahlu f'kuntratt ta' assikurazzjoni li permezz tieghu l-istanti forniet kopertura assikurativa lill-attur maghrufa bhala *Livestock/Bloodstock Insurance* (Polza Numru 480589380003/95) u dan relattivament ghaz-ziemel tat-trott maghruf bl-isem *"Viking Star"*;

Illi fil-*"proposal form"* li mela u ffirma l-attur in konnessjoni mal-hrug tal imsemmija polza, l-attur fil-paragrafu tnax tal-istess kien rikjest jaghti dettalji jew informazzjoni ta' rilevanza ghall-assikuratur filwaqt li fil-paragrafu numru sittax huwa gie mitlub jaghti dettalji dwar it-*"track record"* taz-ziemel matul it-tnax-il xahar precedenti;

Illi kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz, jirrizulta illi t-*track record* ta' dan iz-ziemel tat-trott kien fqir ferm tant li matul seba' tigrijiet precedenti iz-ziemel lanqas biss gie klassifikat;

Illi l-informazzjoni li gie mitlub jaghti l-attur kif spjegat hawn fuq kienet materjali w importanti ghall-assikuratur u kien imisshom gew korrettement dikjarati lill-istanti a bazi tal-principju ta' *"uberrimae fides"* li jirregola l-kuntratt ta' assikurazzjoni;

Illi kif jirrizulta li kieku l-istanti kellhom l-informazzjoni li issa tirrizultalhom huma ma kienux jassikuraw dan iz-ziemel jew ma kienux jassikuraw taht l-istess kondizzjonijiet;

Illi l-istess socjeta' konvenuta talbet li l-attur jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex in vista tal-premess, prevja jekk ikun mehtieg, dikjarazzjoni li l-attur naqas li jaghti l-informazzjoni u fatti materjali kollha li jmisshom gew korrettament dikjarati biex iservu bhala bazi tal-kuntratt ta' assikurazzjoni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta’ assikurazzjoni li permezz tieghu l-istanti forniet kopertura assikurattiva lill-attur maghrufa bhala *Livestock/Bloodstock Insurance* (Polza Numru 480589380003/95) u dan relattivament ghaz-ziemel tat-trott maghruf bl-isem *“Viking Star”* hija nulla u minghajr effett skond il-ligi;

Bl-ispejjez.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur Marco Tanti in rikonvenzjoni fejn gie eccepit:

(1) Illi t-talbiet ta’ l-konvenut *nomine* in rikonvenzjoni ghandhom jigu respinti peress illi l-kuntratt ta’ assikurazzjoni in kwistjoni huwa validu u vinkolanti bejn il-partijiet u ma kien hemm ebda informazzjoni skorretta u/jew informazzjoni materjali nieqsa fl-istess polza u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawza.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa d-dirigenti taghha qed jigu ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

– omissis –

**“II. KONSIDERAZZONIJIET**

“Illi l-attur akkwista ziemel bl-isem ta’ *“Viking Star”* minghand certu Joseph Debattista. Fil-mument tal-akkwist iz-ziemel “*Viking Star”* kien kopert minn polza tal-assikurazzjoni mahruga minn *Fenici Insurance Brokers Ltd*. ghan-nom tas-socjeta’ estera *Lloyd’s Underwriters* (polza numru 435689380003/95 *(Livestock/Bloodstock Insurance)* ghaf-favur ta’ Joseph Debattista. Iz-ziemel kien gie akkwistat minn Joseph Debattista minn Franza, u l-polza kienet tkopri z-ziemel ghat-tragitt lejn Malta u ghall-perijodu sussegwenti.

"Illi meta z-ziemel gie mibjugh lill-attur, huwa gie mgharraf mis-socjeta` *Fenici Insurance Brokers Ltd.* li l-polza numru 480589390003/95 ma setghetx tigi trasferita ghal fuq ismu, u li ghalhekk kien mehtieg li tigi mahruga polza gdida ohra. Fil-fatt hekk gara, u l-attur ikkompleta *proposal form* li a bazi taghha nharget polza gdida (polza numru 480589390003/95 *(Livestock/Bloodstock Insurance)* ghall-istess ziemel *"Viking Star".*

"Illi z-ziemel miet fit-30 ta' Ottubru 1995 u l-attur talab li jigi rizarcit abbazi tal-polza, izda *Fenici Insurance Brokers Limited* informawh illi *Lloyd's Underwriters* kienu qeghdin jinsistu li huma ma kellhom l-ebda obbligu taht il-polza stante li meta kienet giet sottomessa l-*proposal form* l-informazzjoni u d-dikjarazzjonijiet maghmula mill-attur kienu 'nkompleti w inkorretti. *Lloyd's Underwriters* essenzjalment tinsisti li kieku fil-*proposal form* l-attur kien ipprovdilhom l-informazzjoni kollha li kellu jew seta' kellu fil-pussess tieghu huma ma kienux jassumu r-riskju li jassikuraw iz-ziemel u dan apparti li anke kieku kienu jassumu r-riskju, setgha jkun hemm tibdil fil-kondizzjonijiet tal-polza, inkluz il-valur taz-ziemel u/jew kalkolazzjoni ta' premium.

"Illi din il-kontestazzjoni ta' *Lloyd's* hija spjegata fid-dettall fl-affidavit ta' Julian Bowen-Rees, l-*underwriter* ma' Lloyd's li awtorizza l-hrug tal-polza li kienet tkopri z-ziemel (ovvjament tramite *Fenici Inurance Brokers Ltd*). Huwa jghid li l-attur naqas milli jiddikjara korrettament dak rikjest mill-artikoli 12 u 16 tal-*Proposal Form* (esebita a fol. 7-9 tal-process).

"Illi fil-fatt l-artikolu 12 tal-*Propopsal Form* jghid:

*"12. Are there any other circumstances within your knowledge or opinion not already disclosed, affecting or likely to affect the proposed insurance"*. Ghal din id-domanda l-attur kiteb bhala twegiba *"No".*

"Illi inoltre l-artikolu 16 tal-*proposal form* jipprovdi hekk:

"16. *RACING/SHOW RECORD during twelve months immediately prior to this approval.".* Ghal dina d-domanda l-attur kiteb bhala twegiba il-hin li z-ziemel kien kiseb f'tigrija fi Franza fit-22 ta' April 1993*,* fatt li kien jirreferi ghalhekk ghaz-zmien ta' aktar minn sentejn qabel ma giet kompletata l-ahhar *proposal form*. Il-Veterinarju Dr. A. Gruppetta, li mela' l-formola ghall-attur, spjega kif huma kienu qaghdu fuq ic-certifikat tal-esportazzjoni taz-ziemel (esebit a fol. 11) sabiex jottjenu din l-informazzjoni.)

"Illi s-socjeta' konvenuta tghid li din l-informazzjoni ma kienitx korretta peress li biss biss minn meta ngieb Malta sad-data meta giet kompletata l-*proposal form* iz-ziemel kien tellaq diversi drabi. Fl-affidavit tieghu Julian Bowen-Rees gustament jinnota illi xhud prodott mill-attur stess, cioe' l-ex direttur tal-Marsa Racing Club Paul Midolo, esebixxa *"correct track record"* rilaxxjata mill-*Marsa Racing Club* li tindika li qabel ma giet kompletata l-*proposal form* iz-ziemel kien ippartecipa f'hames tigrijiet. Ghalhekk meta *Lloyd's* ikkunsidrat l-implikazzjonijiet tal-proposta originali sottomessa mill-attur, hija ma kenitx a konoxxenza tat-*track record* taz-ziemel. Kull ma kienet taf, u dan skond il-*proposal form* kien li z-ziemel kien tellaq darba fi Franza u f'dik l-okkazjoni ma kienx ippjazza ruhu.

"Illi, issa, mill-*correct track record* esebita minn Paul Midolo (fol. 45, 46, 47), jirrizulta li fil-hames tigrijiet li ppartecipa fihom f'Malta z-ziemel qatt ma rnexxielu jippjazza. Dan huwa kkonfermat anke mill-attur inniffsu li fl-affidavit tieghu jghid (fol.38) *"Illi dan iz-ziemel ha sehem f'diversi tigrijiet hawn Malta kemm meta kien f'idejn Joseph Debattista kif ukoll meta kien ghandi").*

"Illi skond *Lloyd's,* dan il-fatt kien iwassalhom sabiex jirrifjutaw milli jassikuraw liz-ziemel. Bhala prova ta' dan ix-xhud Bowen Rees-Jones esebixxa dokumentazzjoni (Dok."JBR.2") li turi kif f'cirkostanzi simili huma kienu rrifjutaw milli jassikuraw ziemel lokali iehor imsemmi *"Titius de Coriac"*.

"Illi l-Qorti tinnota wkoll illi fl-ahhar tal-*proposal form*, u dan ezattament fejn jiffirma is-sid (f'dan il-kaz l-attur) hemm indikat is-segwenti:

*"DECLARATION*

*"The above named animals are owned by me and, to the best of my knowledge and belief, the information provided in connection with this proposal, whether in my hand or not, is true and I have not withheld any material facts. I understand that non-disclosure or misrepresentation of a material fact will entitle Underwriters to void the insurance.*

*"(N.B. A material fact is one likely to influence acceptance or assessment of this proposal by Underwriters; if you are in any doubt as to what constitutes a material fact you should consult your Broker).*

*"I understand that the signing of this proposal does not bind me to complete the insurance but agree that, should a contract of insurance be concluded, this proposal and the statements made therein shall form the basis of the contract".*

"Illi galadarba meta mela' l-*proposal form* l-attur kien jaf x'kienet it-*track record* taz-ziemel, jew almenu messu kien jaf dwar l-istess ghaliex setgha facilment isaqsi lill-bejjiegh jew inkella jigbor *records* tieghu mil-post idoneju, huwa kien obbligat li jgharraf lis-socjeta' assikuratrici b'dan sabiex hija kienet tkun f'qaghda li tivvaluta l-proposta tieghu, iktar u iktar meta jirrizulta li fil-p*roposal form* kien hemm domanda specifika dwar il-prestazzjonijiet taz-ziemel f'tigrijiet, u certament, li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tali tip ta' domanda *specifika* fil-*proposal form* tirrendi l-istess informazzjoni bhala *material fact ai termini* tal-hrug tal-polza, u ghall-konkluzjoni tal-istess.

"Illi ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-fatt biss li f'*proposal form* ikun hemm mistoqsija specifika dwar informazzjoni rikjesta li fuqha tiddependi l-hrug u l-eventwali accettazzjoni tal-polza, ifisser b'mod ragonevoli, li ir-risposta ghall-istess domanda hija proprju ghaliex

rikjesta, fatt materjali li fuqha jiddependi l-hrug tal-istess polza, anke ghaliex huwa prezunt li l-mistoqsijiet li jsiru f'tali formula jkunu u huma relatati mal-accettazzjoni *o meno* ghall-koperta tar-riskju offrut mis-socjeta' assiguratrici. Kull argument iehor dwar l-istess jirrendi l-istess *proprosal form* u d-domandi u r-risposti li hemm fiha bla ebda skop, haga li ma tistax tigi accettata minn din l-istess Qorti.

"Illi fil-kaz in kwistjoni l-attur kien informat bil-konsegwenza tal-istess risposti fil-formula li huwa mela' innifisha stante li hemm dikjarazzjoni cara fl-istess polza, proprju wara l-ahhar domanda indikata, li hija l-medessima fuq ikkonsidrata, li tghid car u tond l-konsegwenzi li jinkonkorru jekk fatti materjali rikjesti ghall-istess polza ma jigux indikati korrettament, jigu misrapprezentati, jew inkella ma jigux indikati jew *disclosed,* tant li jinghad li:-

*"The above named animals are owned by me and, to the best of my knowledge and belief, the information provided in connection with this proposal, whether in my hand or not, is true and I have not withheld any material facts. I understand that non-disclosure or misrepresentation of a material fact will entitle Underwriters to void the insurance.*

*"(N.B. A material fact is one likely to influence acceptance or assessment of this proposal by Underwriters; if you are in any doubt as to what constitutes a material fact you should consult your Broker)".*

"Illi apparti l-indikazzjoni specifika rikjesta dwar ir-rekord tal-istess ziemel f'tigrijiet ghall-ahhar tnax (12) il-xahar qabel il-mili tal-istess formula, w apparti d-domanda iktar generali f'paragrafu 12 tal-istess *proposal form,* li tobbliga lill-persuna li tkun applikat ghal tali polza li tindika c-cirkostanzi li jistghu jaffettwaw l-accettazzjoni *o meno* tal-polza, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh il-fatt li l-istess attur applika ghall-polza sabiex iz-ziemel tieghu jigi kopert kontra ir-riskji ta' mortalita' ta' animali, f'dan il-kaz zmiemel, li huwa stess iddikjara li kien qed izommu sabiex

juzah ghat-tigrijiet tat-trott kif indikat minnu stess fil-paragrafu erbgha (4) tal-istess formula tant li jinghad:-

*"(a) For what purpose are the animals kept or employed?*

"Risposta:- *Trotting Races".*

"Illi f'dawn ic-cirkostanzi jidher ghal din il-Qorti ovvju li f'dan il-kuntest u in konsiderazzjoni tat-tip ta' polza rikjesta, l-prestazzjonijiet tal-istess ziemel f'tigrijiet li huwa ppartecipa fihom hija wahda rilevanti ghall-konsiderazzjoni mhux biss tal-hrug jew accettazzjoni jew rifjut tal-polza, anke kieku l-istess domanda bhal dik indikata f'paragrafu sittax (16) tal-formula, ma kienitx hekk specifikatament indikata; *multo magis* meta hemm domanda specifika dwar l-istess. Illi fil-fatt dan jirrendi l-istess infomazzjoni fatt materjali ghad-determinazzjoni tal-polza, izda mhux biss, ghaliex huwa wkoll naturali li tali informazzjoni hija relattiva anke sabiex jigi ffissat il-valur tal-istess ziemel u l-konsgwenti *premium* li setgha jigi eventwalment impost.

"Illi f'dan il-kuntest u kkonsidrat l-uzu li kien qed issir mill-istess ziemel, hemm differenza sostanzjali bejn ziemel tat-trott li dejjem jigi minn ta' quddiem fit-tigrijiet tieghu w iehor li kien dejjem jipplejsa, u fl-ahharnett iehor li dejjem jigi minn tal-ahhar, jekk mhux l-ahhar, u kwazi qatt ma jipplejsa, u dan ta' l-ahhar jidher li kien il-kaz kif indikat mid-dokument datat 22 ta' Dicembru 1995 esebit a fol. 108 tal-porcess, li lanqas gie kontestat mill-attur.

"Illi dan kollu huwa wkoll imsahhah mill-fatt li nonostante li l-istess ziemel kien gie inxurjat kontra l-istess riskji mis-sid precedenti, l-istess assigurazzjoni xorta insistiet li l-istess polza ma setghetx tigi trasferita fuq l-attur, izda kellu jsir kollox mill-gdid, u dan bl-iskop ovvju li l-istess dettalji relevanti ghall-koperta in kwistjoni jigu b'hekk aggornati, ghaliex altrimenti ma kienx hemm bzonn li timtela' *proposal form* mill-gdid, u li l-polza tinhareg mill-gdid; u dan kollu jkompli jikkonferma l-importanza li l-informazzjoni li kellha tinghata fl-istess polza miktuba mill-attur kellha tkun korretta w aggornata.

“Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess attur naqqas ghal kollox milli jaghti kwalunkwe dettal preciz fuq ir-rekord tal-istess ziemel fl-ahhar tnax (12) il-xahar qabel il-mili tal-istess formula, ghaliex l-unika riferenza li hemm kienet biss dik relattiva ghas-sena 1993, meta l-istess ziemel tellaq fi Franza, w allura ma hemm l-ebda dettal dwar il-prestazzjonijiet tieghu fil-perjodu specifikatament rikjest mis-socjeta’ konvenuta; f’dawn ic-cirkostanzi jista’ addirittura jinghad li l-istess attur naqas li jirrispondi ghall-istess domanda, u dan meta huwa setgha facilment ikkonstata l-istess jew di xjenza proprja jew inkella billi immur fuq il-fonti idoneji li jkollhom tali informazzjoni, u dan kien anke fl-interess tieghu li jaghmel dan, meta wiehed iqis s-somma iddikjarata bhala valur tal-istess ziemel, u wkoll li fuq il-*proposal form* stess huwa mhux biss kien mistoqsi domanda specifika dwar l-istess, izda wkoll informat li nuqqas ta’ informazzjoni materjali, misrappresentazzjoni jew informazzjoni zbaljata kienet tista’ twassal ghan-nullita’ tal-istess polza.

“Illi il-fatt li l-istess attur kellu persuna ohra biex tghinu fil-mili tal-istess formula ma hijiex ser tbiddel il-posizzjoni bejn l-attur u s-socjeta’ konvenuta, ghaliex l-istess formula la darba il-koperta tar-riskju giet accettata, kienet tifforma parti mill-ftehim bejn il-partijiet, u ghalhekk hija fuq il-bazi tal-istess informazzjoni hemm miktuba w accettata mill-attur bhala tieghu, bil-firma tieghu fuq l-istess polza, li din il-Qorti hija tenuta li thares.

“Illi l-bazi ta’ dawn il-konkluzjonijiet hija li *“the contract of insurance is the primary illustration of a class of contracts described as uberimae fidei taht is, of the utmost good faith. As a result, the potential parties to it are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information taht is amterial” … … … … The basis effect of this duty can be stated quite simply. An applicant for insurance is under a duty to disclose to the insurer, prior to the conclusion of the contract, but only up to this date, all material facts within his knowledge, which the latter does not or is deemed not to know. A failure to disclose, however innocent, entiltes the insurer to avoid the contract ‘ab initio’, and upon avoidance it is deemed never*

*to have existed. The insurer must avoid within a reasonable time of becoming aware of the non-disclosure. The duty arises whenever a fresh contract is concluded, and most importantly, this includes upon a renewal of any contract except taht of life insurance".* **(Birds' Modern Insurance Law –** pg 101 – 102). **"Dr. Gerald Montanaro Gauci vs Alex Agius Cesareo et"** (P.A. (RCP) 31 ta' Jannar 2002); **"Anthony Vassallo vs Alfred S. Azzopardi nomine"** (P.A. (NA) 21 ta' April 1999).

"Illi infatti fis-sentenza **"Michael Bertuello vs Victor Cordina *pro et nomine*"** (A.K. (GMA. CAA. NVA) 11 ta' Lulju 1994 – LXXVIII.ii. 180) inghad li *"hu principju bazilari tal-ligi civili li l-kuntratti kollha ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi. Dan japplika aktar u aktar fil-kuntratt ta' assikurazzjoni fejn il-ligi tesigi miz-zewg partijiet kontraenti 'uberima fides'.*

"Illi ir-*rationale* tal-istess regola gie spjegat fil-kaz **"Carter vs Boehm"** (1766) 3 Burr. 1905 at 1909) meta **Lord Mansfield** spjega li :-

*"Insurance is a contract upon speculation. The special facts, upon which the contingent chance is to be computed, lie mostly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation, and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist".*

"Illi rigward dak li huwa materjali ghall-finijiet tal-hrug tal-polza, apparti li din il-Qorti thoss li ovvjament l-informazzjoni rikjesta fil-*proposal form* ghandha titqies li hija dejjem materjali, stante l-importanza anke jekk soggettiva li l-istess assiguratur ikun qed jaghti lill-tali dettal jew domanda, ghaliex altrimenti kieku ma jkunx inkludiha fl-istess *proposal form,* pero' oggettivament gie stabbilit li *"a fact is material for the purposes of both non-disclosure and misrepresentation if it is one which would influence the judgment of a reasonable or prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what*

*premium to charge or possibly, whether to impose particular terms in the contracts such as exclusion or an excess"* **(Birds' Modern Insurance Law –** pg. 100 – Law Commission Report No. 104 para.4.48). Gie affermat ukoll il-principju li l-kwistjoni dwar il-materjalita' hija kwistjoni ta' fatt **(Glicksman vs Lancashire and General Assurance Co. Ltd.** (1927 A.C. 139).

"Illi ghalhekk abbazi ta' dak fuq espost jirrizulta li t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi milqugha stante li abbazi tan-nuqqas da parte tal-attur li jaghti lill-assikuratur fatti materjali w importanti direttament rikjesti lilu fil-*proposal form* huwa ma osservax il-principju ta' *uberimae fides* li jirregola l-kuntratt ta' assikurazzjoni, u ghalhekk tali kuntratt ta' assikurazzjoni ghandu u qed jigi dikjarat bhala null u bla effett ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

"Illi min-naha l-ohra it-talbiet tal-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta ghandhom jigu milqugha.

**<u>"III. KONKLUZJONI</u>**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, **tichad it-talbiet attrici** bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

"Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

"Illi ghal dak li jirrigwarda il-**kontro-talba tas-socjeta' konvenuta,** ghal l-istess motivi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-attur rikonvenzjonat, **tilqa' it-talbiet tas-socjeta' konvenuta fil-kwalita' taghha premessa,** b'dan illi filwaqt li tiddikjara li l-attur naqas li jaghti l-informazzjoni u fatti materjali kollha li jmisshom gew korrettament dikjarati biex iservu bhala bazi tal-kuntratt ta' assikurazzjoni u konsegwenti tal-istess:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta' assikurazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta nomine forniet kopertura assikurattiva lill-attur maghrufa bhala

*Livestock/Bloodstock Insurance* (Polza Numru 480589380003/95) u dan relattivament ghaz-ziemel tat-trott maghruf bl-isem *"Viking Star"* hija nulla u minghajr effett skond il-ligi;

"Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur."

## II L-APPELL

3. Il-konvenut appella minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti b'rikors ipprezentat fis-16 ta' Mejju, 2002. Ghar-ragunijiet spjegati fih, l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tichad l-eccezzjonijiet kif u il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta kif ukoll tilqa' t-talbiet ta' l-attur u l-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta.

4. Is-socjeta` konvenuta opponiet l-appell b'risposta pprezentata fl-24 ta' Mejju, 2002. Hemmhekk, hija spjegat ghaliex, fil-fehma taghha, l-appell kien wiehed infondat fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk talbet li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata billi din hija wahda gusta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. L-attur, issa appellant, kien xtara ziemel bl-isem ta' "Viking Star" minghand certu Jospeh Debattista. Fil-mument ta' l-akkwist, dan iz-ziemel kien jinsab diga` kopert b'polza ta' assigurazzjoni mahruga mil-Lloyd's Underwriters tramite Fenici Insurance Brokers Limited. Din il-polza harget fit-28 ta' Frar 1995, u kienet taghti kopertura li tibda mill-24 ta' Frar, 1995 sat-23 ta' Frar, 1996 (ara fol. 10). Meta sar in-negozju ta' bejgh bejn Debattista u l-attur, dan ta' l-ahhar gie mgharraf minn Fenici Insurance Brokers Limited li l-polza ta' assigurazzjoni fuq dan iz-ziemel u li kienet vigenti, ma setghetx tigi trasferita ghal fuq isem l-attur u ghalhekk dan mela *Proposal Form* fil-31 ta' Awissu, 1995 (ara kopja a fol. 7 et seq. tal-process) u susegwentement, inharget polza ta' assigurazzjoni fil-5 ta' Settembru, 1995, li kienet

tkopri z-ziemel in kwistjoni ghall-perjodu li jibda mill-25 ta' Awissu, 1995 sal-24 ta' Frar, 1996 (ara fol. 6). Fit-30 ta' Ottubru 1995, iz-ziemel instab mejjet fl-istalla tieghu u kien biss meta l-attur talab li jigi rizarcit il-valur taz-ziemel abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni li huwa gie infurmat ghall-ewwel darba minn Fenici Insurance Brokers Limited li Lloyd's Underwriters ma kenux bi hsiebhom jonoraw l-istess polza ta' assigurazzjoni ghaliex allegaw li l-attur kien nizzel xi informazzjoni inkompleta u skorretta fil-*Proposal Form* li abbazi taghha inharget il-polza ta' assigurazzjoni. Huma allegaw li minghajr din l-informazzjoni ma kenux jaccettaw li johorgu l-polza, jew, jekk kienu se johorgu l-polza, huma kienu jirrikjedu li jigi dikjarat valur anqas taz-ziemel. B'mod partikolari Lloyd's Underwriters kienu qeghdin jikkontendu li l-attur naqas jindika t-*track record* taz-ziemel tul it-tnax-il xahar qabel ma mtliet il-*Proposal Form*. Din l-informazzjoni giet mitluba fil-*Proposal Form* bis-sahha tal-paragrafu enumerat 16 (ara fol. 9 tal-process). Hemmhekk l-attur gie mitlub li jaghti din l-informazzjoni:

RACING/RECORD during twelve months immediately prior to this proposal:

| Name | No. of entries | Placings | Total amount won |
|---|---|---|---|

6. Irrizulta li l-attur appellant ma jafx jaqra u jikteb. Il-formola mlihielu bi pjacir it-tabib veterinarju Anthony Gruppetta, li wkoll iccertifika l-ahhar parti tal-*Proposal Form* u li kopja taghha tinsab a fol. 28 tal-process. It-tabib veterinarju Gruppetta, meta gie biex jimla dan il-paragrafu 16 tal-*Proposal Form* talab l-informazzjoni hemm mitluba minghand l-attur. A propozitu, it-tabib Gruppetta xehed hekk:

"Fil-kaz ta' Marco Tanti, meta jiena staqsejtu ghal hinijiet tal-giri taz-ziemel, l-uniku dokument ufficjali li kien juri xi hinijiet jew track record taz-ziemel, kien ic-certifikat ta' l-esportazzjoni li kien wasal bih Viking Star minn Franza meta dan gie impurtat. Ghaldaqstant, id-dettalji kollha bid-data hin u post ta' fejn kien sar dan ir-rekord gew traskritti minn fuq dak ic-certifikat ta' l-esportazzjoni ghal

fuq il-polza ta’ l-assikurazzjoni. Irrid nghid li l-Marsa Racing Club sad-data tal-lum ma johrogx ebda bullettin ufficjali fejn ikunu mnizzlin il-hinijiet tal-giri taz-ziemel f’kull partecipazzjoni taghhom fil-Marsa u ghalhekk ma kien hemm l-ebda rekord ufficjali li ahna stajna nittraskrivu fuq il-polza;

Peress illi Marco Tanti ma jafx jikteb u jaqra talabni biex nimlilu l-polza u dana jiena ghamiltu bl-akbar diligenza. Tant hu hekk illi meta gejna mitluba t-track record, dana nizzilna l-unika wiehed li kellna mid-data, hin u lok meta sar.”

7. Effettivament Dottor Gruppetta nizzel dik l-informazzjoni dwar it-*track record* taz-ziemel fuq il-*Proposal Form*, liema informazzjoni hadha mid-dokument li kopja tieghu tinsab esebita a fol. 42 tal-process. Ghalkemm il-<u>kopja</u> a fol. 9 tal-*Proposal Form* tal-process, kif ukoll il-kopja a fol. 27 tal-process ma fihiex riprodotta d-data shiha relattiva ghall-informazzjoni dwar iz-ziemel li nghatat, pero` ma jidhirx ikkontestat bejn il-partijiet li f’dik il-parti tal-*Proposal Form* originali tnizzlet l-informazzjoni relattiva ghaz-ziemel meta dan kien tellaq fi Franza <u>fit-22 ta’ April, 1993</u>. Din l-informazzjoni tinsab precizament f’nofs id-dokument cioe` c-certifikat ta’ l-esportazzjoni li huwa esebit a fol. 42 tal-process. Ghalhekk jirrizulta li fil-*proposal form* ma nghatatx l-informazzjoni specifika rikjesta bid-domanda kontenuta fil-paragrafu 16, li talbet *track record* taz-ziemel <u>fit-tnax-il xahar precedenti ghall-mili ta’ l-istess *Proprosal Form*</u> u minflok inghatat informazzjoni dwar tigrija partikolari taz-ziemel li sehhet fit-22 ta’ April 1993, fi Franza, u cioe` qabel ma z-ziemel gie importat hawn Malta. Madanakollu, l-Qorti trid tenfasizza li din id-data specifika tat-22 ta’ April 1993, giet imnizzla fil-*proposal form* u ghalhekk kien evidenti li ghalkemm l-attur kien qieghed jindika hemmhekk informazzjoni korretta, pero` din ma kenitx tirrispondi d-domanda preciza kontenuta f’dik il-parti tal-*Proposal Form*. Ghandu jigi rilevat illi meta l-attur irritorna l-*Proposal Form* lil Fenici Insurance Brokers Limited dawn accettawha u naqsu li jigbdu l-attenzjoni ta’ l-attur li huwa

kien naqas li jaghti fil-*Proposal Form* l-informazzjoni rikjesta bil-paragrafu 16, kif fuq spjegat. Lanqas Lloyd's Underwriters ma qajjmu xejn dwar din il-kwistjoni, kif lanqas ma tqajjem xejn la minn Fenici Brokers Limited u lanqas mil-Loyd's Underwriters dwar il-valur dikjarat taz-ziemel fuq il-*Proposal Form* cioe` s-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000). Jirrizulta li l-attur hallas il-*premium* rikjest mill-assiguratur u dan hareg il-polza ta' l-assigurazzjoni, li certifikat relattiv taghha jinsab a fol. 44 tal-process.

8. Jirrizulta li z-ziemel ta' l-attur miet fit-30 ta' Ottubru, 1995. L-attur mela l-*claim form* (ara fol. 14 u 15 tal-process) biex jitlob r-rizarciment tad-danni abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni. Madanakollu, Fenici Insurance Brokers Limited eventwalment infurmawh illi Lloyd's Underwriters kienu qeghdin jopponu t-talba ghax kienu qeghdin jallegaw li huma ma kellhom ebda obbligu taht il-polza minhabba li meta kienet giet sottomessa l-*Proposal Form*, l-informazzjoni moghtija mill-attur kienet inkompleta u inkorretta. Il-Lloyd's Underwriters allegaw li kieku l-attur ipprovdielhom l-informazzjoni kollha li kellu jew seta' kellu meta mela l-*Proposal Form* huma ma kienux jassumu r-riskju li jassiguraw iz-ziemel ta' l-attur, jew inkella, jekk kienu se jassumu dak ir-riskju, seta' kien il-kaz li jkun hemm tibdil fil-kundizzjonijiet tal-polza, inkluz il-valur taz-ziemel jew id-daqs tal-*premium*.

9. L-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet billi laqghet din l-oppozizzjoni li ghamlet is-socjeta` konvenuta bazikament ghar-raguni li l-attur naqas li jnizzel l-informazzjoni rikjesta u aggornata ghall-paragrafu 16 tal-*Proposal Form*, peress illi l-attur indika hemmhekk biss ir-*record* taz-ziemel fit-tigrija li kellu gewwa Franza qabel gie Malta u li ezattament sehhet fit-22 ta' April, 1993

10. L-aggravju ta' l-appellant hu maghmul li jikkonsisti fis-segwenti:

a) Wiehed ma jistax jitkellem fuq informazzjoni skorretta peress illi t-track record indikat mill-esponent kien wiehed korrett ghalkemm mhux aggornat – cioe` fis-sens illi l-esponent ma nizzilx xi track record hazin

apposta biex izid il-valur taz-ziemel u wara nqabad f'dan in-nuqqas;  ir-record li tnizzel kien korrett u dokumentat;

b) Illi ghalkemm huwa minnu li l-informazzjoni mnizzla ma kenitx kompleta fis-sens li t-track record ta' Malta sa dakinhar ma kenitx tnizzlet, wiehed ghandu jara jekk tali nuqqas jammontax ghal fatt daqstant materjali biex jannulla l-kuntratt in kwistjoni.  Illi fl-ewwel lok jinghad li deher evidenti li tali nuqqas gie kommess minhabba semplici zvista u mhux b'xi skop sabiex iqarraq bl-assikurazzjoni.  Tant hu hekk li l-proposal form imtliet minn veterinarju kompetenti u ta' certu portata hawn Malta u mhux mill-esponent personalment stante li dan ta' l-ahhar huwa llitterat;  irrizulta sahansitra li l-proposal form imtliet, almenu parti minnha fl-ufficju tal-Fenici Insurance hawn Malta li sa dakinhar kienu l-agenti tas-socjeta` estera konvenuta;  illi rrizulta wkoll li t-track records tat-tigrijiet hawn Malta huma ta' natura pubblika u jigu sahansitra stampati f'rivista mahruga mill-Organizzaturi tat-tigrijiet hawn Malta – fil-fatt kien l-istess attur li gab din il-prova waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri tant ma kellu xejn x'jahbi,  illi bejn it-track record ta' barra u dak ta' Malta ma kien hemm ebda zvilupp sinifikanti la posittiv u lanqas negattiv stante li fiz-zewg pajjizi dawn iz-ziemel ma kienx ikkwalifika cioe` ma spiccax ma' l-ewwel tlieta,  illi f'dan id-dawl ghalhekk wiehed tassew ma jistax jargumenta li kien hemm ksur ta' l-obbligu tal-uberrimae fides;

c) Illi fi kwalunkwe kaz, tali nuqqas cioe` informazzjoni inkompleta tista' se mai twassal biss ghal tnaqqis fil-valutazzjoni taz-ziemel u mhux ghan-nullita` assoluta tal-kuntratt in kwistjoni;

d) Illi punt iehor importanti li jixtieq iqajjem l-esponent huwa dak fejn wiehed ma jridx jinsa li l-proposal form relattiva giet prezentata ghall-accettazzjoni lil Fenici Insurance.  Dawn ta' l-ahhar kienu f'dak iz-zmien qed jagixxu bhala agenti u rapprezentanti hawn Malta tas-socjeta` konvenuta estera;

e) Illi din l-assikurazzjoni Maltija mhux talli pprocessat l-applikazzjoni ta’ l-attur ghan-nom tas-socjeta` estera konvenuta (bl-informazzjoni inkompleta li kellha kif fuq spjegat) izda wkoll approvat l-istess proposta ta’ l-attur ghan-nom tas-socjeta` estera konvenuta u kif ukoll harget il-polza relattiva ta’ assigurazzjoni f’isem is-socjeta` estera konvenuta – tant li thallas u gie accettat il-premium relattiv;

f) Illi wara l-applikazzjoni ta’ l-attur ghadda minn dan il-process kollu, bl-informazzjoni kollha li huwa kien nizzel ossia anke bl-informazzjoni inkompleta li huwa kien nizzel u dana tramite l-agent tas-socjeta` estera konvenuta hawn Malta u la darba tali polza giet accettata u approvata b’dawn ic-cirkostanzi minghand l-imsemmi agent, ma tistax is-socjeta` estera fil-mument tat-talba ghar-rizarciment abbazi tal-polza tohrog bl-eccezzjoni ta’ informazzjoni inkompleta;

g) Illi l-agent huwa meqjus li ghandu d-drittijiet u obbligi daqs dak tal-principal tieghu fir-relazzjonijiet tieghu ma’ terzi u ghalhekk ebda principal (f’dan il-kaz Lloyd’s Underwriters) ma tista’ tressaq eccezzjoni simili meta l-agent taghha hawn Malta kien konxju tal-kontenut tal-proposal form u accettaha kif sottomessa lilu;

h) L-agent hawn Malta tas-socjeta` estera konvenuta konxja mill-mument tal-mili tal-proposal form dwar in-nuqqas tat-Track record Malti u kien f’dan il-mument li hija kellha d-dritt ma taccettax din il-proposta kif inhi u tibghatha lura ghand l-attur biex jaggorna l-istess. La darba dan ma sarx u l-agent hawn Malta ghazel li jaccettaha kif inhi bit-track record inkomplet, il-principal ta’ barra ghandu joqghod fuq id-decizjoni mehuda mill-agent tieghu u ma jistax iqajjem tali nuqqas wara. Dak li jikkontratta u kif jikkontratta l-agent ghandu legalment jorbot lill-Principal tieghu u dan ta’ l-ahhar ma jistax johrog bl-iskuza li ma kienx konxju tal-fatti li kienu gia` ben maghrufa u accettati mill-agent tieghu.”

11. Fir-risposta ta’ l-appell taghha, is-socjeta` konvenuta rribattiet hekk:
“Illi mill-provi rrizulta bl-aktar mod car illi l-attur naqas li jaghti lill-underwriters informazzjoni importanti u materjali ghall-polza ta’ assigurazzjoni li giet rikjesta fil-kaz in ezami. Effettivament il-Proposal Form talbet b’mod specifiku informazzjoni dwar it-“track record” taz-ziemel precedenti u dan naqas li jaghti din l-informazzjoni nonostante li huwa kellu din l-informazzjoni f’idejh jew certament access ghal din l-informazzjoni kif del resto jaccetta l-istess appellant meta jghid illi din l-informazzjoni hija pubblika.

“Illi huwa principju stabbilit illi f’cirkostanzi bhal dawk li nqalghu fil-kaz in kwistjoni, “underwriter” ma ghandu l-ebda obbligu li jottjeni informazzjoni u fatti ohra materjali huwa stess, anke jekk jonqos l-istess assikurat li jaghti din l-informazzjoni. Huwa proprju ghalhekk illi l-kuntratt ta’ assigurazzjoni huwa karaterizzat bil-principju tal-“uberrimae fides” proprju ghaliex l-assiguratur joqghod mija fil-mija u b’fiducja assoluta fuq dak li jissottometti l-assigurat ghal dak li jirrigwarda fatti u dettalji.

“Ghalhekk l-esponenti jaghmel riferenza ghal Raoul Colinvaux (The Law of Insurance) gia` citat miz-zewg partijiet f’dan il-kaz fejn jinghad:

““As the underwriters knows nothing and the man who comes to him to ask him to insure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters *without being asked of all the material circumstances*, because the underwriters know nothing and the assured knows everything. This is expressed by saying that it is a contract of utmost good faith – uberrimae fides.”

“Illi kif irrizulta mix-xiehda moghtija minn Julian Bowen Rees, irrizulta illi li t-track record precedenti kien materjali u li kieku huwa kellu l-fatti li sussegwentement irrizultaw wara li saret il-“claim” da parti ta’ l-attur, huwa ma kienx johrog il-polza ta’ assigurazzjoni.

“Illi lanqas ma huwa minnu illi Fenici Insurance kienet agent ta’ l-underwriters ghaliex mill-provi rrizulta illi dawn kellhom il-funzjoni ta’ “broker” u bhala tali huwa risaput illi “broker” huwa agent ta’ l-assiguat u mhux ta’ l-assiguratur. Broker jinghata inkarigu mill-indivdiwu bi skop li jigi identifikat assiguratur li huwa lest johrog polza ta’ assigurazzjoni taht l-ahjar kundizzjonijiet. Fl-ebda mument ma jagixxi ghan-nom ta’ l-assiguratur.”

12. Dwar dan l-ahhar punt riferit fir-risposta tas-socjeta` appellata, ghandu jinghad li fil-provi mressqa mill-istess socjeta`, hemm certu kunflitt fil-provi. Infatti d-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta` konvenuta, li giet mahlufa minn Michael Chetcuti, u li tinsab a fol. 21 tal-process jinghad *inter alia* hekk:
“Is-socjeta` O.F. Gollcher & Sons Limited hija agent lokali tal-Lloyd’s f’Malta u ghalhekk giet involuta f’dan il-kaz bhala agent fiwaqt li Fenici Insurance kienu l-brokers li kienu involuti u intermedjaw bejn il-partijiet kemm sabiex tinhareg il-polza kemm wara li saret il-claim da parti ta’ l-attur.”

Imbaghad a fol. 77 ix-xhud Joseph Perici Calascione xehed hekk:
“Jien ghandi l-pozizzjoni ta’ Direttur mas-socjeta` Fenici Insurance Brokers Limited. Is-socjeta` li semmejt kienet ghamlitha ta’ Broker biex iz-ziemel in kwistjoni jigi assigurat ma’ certi underwriters within Lloyd’s”

Madanakollu, x-xhud tas-socjeta` konvenuta, Julian Bowen-Rees ikkonferma hekk fl-affidavit tieghu li jinsab a fol. 104 et seq. tal-process:
“I the undersigned Julian Bowen-Rees of 24 Martindale Road, London, England SW12 9PW; do hereby declare and confirm under oath the following:-

1. I have worked in Bloodstock Insurance since 1981, with various insurance companies. I have been a Bloodstock Insurance Underwriter for the last 17 years, during which time I have underwritten a worldwide account. I have been employed with XL Brockbank since

1994 and underwrite on behalf of Lloyd's Syndicates 861 and 1209.

2. I am the underwriter at Lloyd's who agreed to issue the Lloyd's Livestock Insurance Policy (the "Policy") in relation to the horse, Viking Star ("Viking Star"). The Policy was issued through the involvement of Fenici Insurance Brokers ("Fenici") who were acting for the Lloyd's Underwriters and Hughes-Gibb and Co. acting as Lloyd's Brokers.

3. Fenici were acting under a binding authority, i.e. they were acting as the agent for Underwriters." (enfasi tal-Qorti)

13. Kunflitt iehor li jezisti, u li nnutat din il-Qorti fil-provi tas-socjeta` konvenuta, jikkonsisti fil-fatt li meta l-imsemmi xhud Joseph Perici Calascione gie mistoqsi jekk f'dan il-kaz kenux baghtu l-kopja tal-*Proposal Form* lill-imsemmija *brokers* tal-Lloyd's, meta l-istess *Proposal Form* kienet giet accettata minnhom, l-istess Joseph Perici Calascione rrisponda fin-negattiv u cioe` stqarr illi huma ma kenux baghtu l-kopja ta' l-istess *Proposal Form* (ara x-xiehda tieghu a fol. 94 b tal-process). Madanakollu, din l-istqarrija hija dijametrikament kontradetta mill-imsemmi xhud, Julian Bowen-Rees, li fl-istess affidavit a fol. 104 tal-process stqarr hekk:
"Proposal Forms, which were completed by Assureds, were sent to me by Fenici for review and I was responsible for deciding whether or not to write the polices.

I confirm that the Policy in question was issued on the basis of facts and information which Mr. Marco Tanti ("the Assured") submitted in the Lloyd's Livestock Proposal Form dated 31st August 1995, which was, in turn, forwarded to me by Fenici through Hughes-Gibb and Co."

14. Din l-istqarrija ta' Julian Bowen-Rees fil-fehma tal-Qorti hija sinjifikanti hafna ghall-ezitu ta' din il-kawza

ghaliex, apparti mill-kwistjoni dwar ir-rwol preciz li kellha Fenici Insurnace Brokers f'din il-kwistjoni, jirrizulta bla ebda ombra ta' dubju li l-*Proposal Form* li mela l-attur kienet f'idejn Julian Bowen-Rees, cioe` l-*underwriter at Lloyd's* u l-persuna illi accetta li tohrog il-polza ta' assigurazzjoni dwar iz-ziemel in kwistjoni.

15. Din il-Qorti taqbel mal-gurisprudenza kollha citata mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata u ghalhekk ma thossx in-necessita` li terga' tirrepeti hawn il-principji legali li johorgu mill-istess gurisprudenza citata mill-ewwel Qorti. Tillimita ruhha biex tghid li l-principju tal-massima buona fede li jirregola l-kuntratt ta' l-assigurazzjoni ma huwiex obbligu li jorbot biss lill-assigurat izda similment jorbot ukoll lill-assiguratur. Ma jistax ikun hemm l-ebda dubju li hu obbligu tal-persuna li tkun qeghda titlob biex tidhol f'kuntratt ta' assigurazzjoni li taghti dik l-informazzjoni kollha sostanzjali u rilevanti biex id-ditta assigurattrici tkun tista' tasal ghall-gudizzju lluminat dwar jekk ghandhiex tidhol ghall-kuntratt ta' assigurazzjoni jew le. Madankollu, l-istess ditta assigurattrici ghandha wkoll obbligu li jekk il-proponiment taghha <u>evidentement</u> ihalli barra informazzjoni li hija mitluba specifikatament fil-*Proposal Form,* hija ghandha l-obbligu wkoll li tinforma lill-klijent b'dan u ghandha titlob il-kjarifiki li jkun hemm bzonn. Similment ghandha wkoll l-obbligu li tinforma lill-klijent taghha bil-limitazzjonijiet u r-restrizzjonijiet kollha li se jkun hemm fil-polza li tkun se tinhareg. Dan ghaliex jekk il-kuntratti kollha ghandhom jigu esegwiti bil-buona fede, il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni jirrikjedi aktar minn hekk ghaliex huwa meqjus wiehed ta' uberrimae fidae u ghalhekk il-partijiet kontraenti ghandhom <u>it-tnejn</u> jimxu fil-konfront ta' xulxin bil-massima buona fede meta jikkontrattawh.

16 Issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-attur ma tax l-informazzjoni specifikatament rikjesta fil-paragrafu 16 ta' *Proposal Form*. Hemmhekk huwa gie mitlub jaghti informazzjoni, partikolari dwar iz-ziemel cioe` t-*track record* tieghu matul is-sena precedenti. Kif rajna l-attur minflok ma ta din l-informazzjoni ta informazzjoni dwar iz-ziemel li tirrisali ghas-sena 1993 cioe` ferm aktar qabel

mill-perjodu taz-zmien mitlub fil-paragrafu 16 ta’ l-istess *Proposal Form*. Allura dan kien nuqqas evidenti ta’ l-attur, ghaliex kien *ictu oculi* jirrizulta li l-attur ma tax l-informazzjoni mitluba minnu. Jirrizulta wkoll li din il-*Proposal Form*, ghaddiet minn idejn Fenici Insurance Brokers Limited kif ukoll minn idejn l-Underwriter ta’ Lloyd’s, Julian Bowen-Rees u jirrizulta li hadd minnhom ma deherlu li kellu jigbed l-attenzjoni ta’ l-attur ghal dan in-nuqqas evidenti fil-*Proposal Form* jew li jitlob li tinghata l-informazzjoni aggornata mitluba f’dak il-paragrafu 16 tal-*Proposal Form*. Billi si trattava ta’ nuqqas lampanti fil-mili tal-*Proposal Form* ma jistax jigi ritenut ragjonevolment ritenut li *underwriter* ta’ l-esperjenza bhal ma evidentement huwa Julian Bowen-Rees, ma ittendiex b’dan in-nuqqas fil-*Proposal Form*. In fatti ma hemm lanqas allegazzjoni f’dan is-sens min-naha tas-socjeta` konvenuta. Ghalhekk jirrizulta li s-socjeta` konvenuta injorat din ic-cirkostanza fil-*Proposal Form*, accettat li tohrog il-polza u debitament thallas il-*premium* relattiv mill-appellant. Fil-fehma ta’ din il-Qorti dan l-operat ta’ l-assigurazzjoni jista’ jinftiehem f’zewg sensi:

a) jew li l-informazzjoni rikjesta ma kenitx verament ta’ importanza materjali; jew

b) li din l-informazzjoni nieqsa kienet ta’ importanza vitali izda li l-assigurazzjoni ddecidiet li tohrog polza, tiehu l-*premium* u f’kaz ta’ claim da parti ta’ l-assigurat allura hija tirrinfaccjah bid-difiza ta’ “*failure to disclose a material fact*” u b’hekk tipprova ggib fix-xejn l-obbligu taghha tar-rizarciment li jemana mil-kuntratt ta’ l-assigurazzjoni.

17. Diga` ntqal li l-kuntratt ta’ assigurazzjoni jorbot liz-zewg partijiet indaqs li jimxu ma’ xulxin bl-aqwa bona fede. Jekk verament is-socjeta` konvenuta kienet tqis li l-informazzjoni nieqsa mill-*Proposal Form* ta’ l-attur kienet ta’ importanza materjali, allura kien ragjonevolment mistenni minnha li hija ma tohrogx il-polza abbazi tal-*Proposal Form* li kienet evidentement difettuza. Ma jidher li kien hemm ebda raguni li tiggustifika lis-socjeta` konvenuta li ma timxix ma’ l-attur kif jirrizulta li hija mxiet fil-kaz ta’ proposta ta’ assigurazzjoni dwar ziemel iehor bl-

isem ta' "Titus De Coriac" li dwaru Julian Bowen-Rees stqarr hekk a fol. 105-106 tal-process:-
"I attach correspondence as Exhibit 2 ("JBR.2") exchanged with Fenici in connection with the cover of another horse "Titus De Coriac", which clearly shows that I have on another occasion refused to accept insurance as proposed to me due to the poor race record of the horse in question."

Il-korrispondenza esebita mix-xhud turi li appenna li l-*underwriter* induna li kien hemm xi cirkostanza fil-*Proposal Form* li ma qabilx fuqha – f'dan il-kaz il-valur taz-ziemel – huwa immedjatament indika lill-proponent li ma kienx lest li jassigura dak iz-ziemel ghas-somma msemmija fil-*Proposal Form* izda kien lest li jassigurah ghal somma ferm inqas li giet indikata. Fi kliem iehor, l-*underwriter* ma injorax dik ic-cirkostanza li ma kienx jaqbel maghha u li kienet tirrizulta mill-*Proposal Form* u serrah rasu li f'kaz li jkollu *claim* iqajjem il-kwistjoni tal-valur f'dik l-azzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, appena li s-socjeta` konvenuta rrizultalha li l-*Proposal Form* kien fiha informazzjoni materjali nieqsa, kien proprju f'dak il-mument li hija kellha d-dritt li tirrifjuta l-proposta ta' l-attur jew jekk riedet tkompli n-negozju mieghu; kellha l-obbligu li ddur fuqu mill-gdid u titolbu li jforniha bl-informazzjoni aggornata dwar it-track record taz-ziemel f'Malta. Il-fatt li dan ma ghamlitux, meta setghet facilment, *a tempo vergine* taghmlu, u l-fatt li minflok li ghamlet hekk, hija accettat li tohrog il-polza ta' l-assigurazzjoni u accettat li tithallas il-*premium* relattiv, ifisser li hija, bl-atteggjament taghha stess, giet li implicitament irrinunzjat ghad-difiza li qeghda tqajjem <u>issa</u> f'din il-kawza. Ghalhekk fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-appell ta' l-appellant fis-sens fuq spjegat huwa fondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

19. Fl-att tac-citazzjoni l-attur qieghed jitlob li jithallas is-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000) rapprezentanti l-valur tad-danni minnu sofferti bit-telf telf taz-ziemel, liema ziemel kien assigurat fl-ammont ta' sitt elef lira Maltija (Lm6,000) bil-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni.

20. Is-socjeta` konvenuta kienet eccepiet illi f'kaz li jigi b'xi mod determinat illi l-konvenuti huma responsabbli ghar-rizarciment taht l-imsemmija polza, l-attur ghandu jipprova l-valur attwali taz-ziemel fid-data tal-mewt tieghu. B'hekk jidher car li s-socjeta` konvenuta trid illi ssir distinzjoni bejn il-valur taz-ziemel li gie dikjarat bil-polza ta' l-assigurazzjoni u l-valur attwali taz-ziemel fis-suq fid-data tal-mewt tieghu. Ghalhekk jidher car illi talba ta' l-attur li jigi rizarcit fis-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000) qeghda tkun kontestata mis-socjeta` konvenuta li tippretendi li r-rizarciment ma jsirx abbazi tal-valur dikjarat fil-polza ta' l-assigurazzjoni izda isir abbazi tal-valur taz-ziemel fis-suq dakinhar illi sehhet il-mewt tieghu cioe` fit-30 ta' Ottubru, 1995. L-aspett tal-kawza dwar l-ammont tad-danni li kellhom jigu rizarciti gie pjuttost traskurat mill-partijiet li jidher li xehtu l-enfasi kollu fuq il-kwistjoni jekk il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni in kwistjoni ghandux jitqies bhala wiehed validu jew le. Il-provi tal-partijiet dwar dan l-aspett tal-likwidazzjoni tad-danni huma xotti hafna. L-attur jidher li qed jinsisti li jinghata rizarciment fis-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000) li huwa l-valur assigurat taz-ziemel. Pero` din il-Qorti jidhrilha li ma ghandhiex toqghod semplicement ghall-valur dikjarat fuq il-polza ghaliex il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni huwa wiehed ta' indemnita` u ghalhekk l-assigurat mhux intitolat li jaghmel qligh mill-assigurazzjoni izda huwa intitolat biss li jigi rizarcit l-ammont ta' danni li huwa effettivament sofra fis-sinistru. F'dan ir-rigward jinghad hekk fl-affidavit ta' Julian Bowen-Rees, precizmant a fol. 106 tal-process:

"With regard to the Assured's claim to receive the sum of six thousand Liri (Lm6,000), withour prejudice to the contention that the policy is avoided ab initio, I would point out that the Policy Form used in the case of the Viking Star contains an "actual cash value" clause which states that we shall indemnify the Assured for what the horse is worth at the time of the loss as opposed to the sum insured, which is a limit of liability only as opposed to an agreed value. On this basis, the Assured's claim to be reimbursed the full amount of the sum insured is not contemplated in the terms of the Policy. My assessment of a fair market value for this horse is about Lm2,000 at

the time of loss, based on all the information now available to me.”

21. Fl-affidavit supplimentari tieghu l-istess xhud Julian Bowen-Rees ikompli jghid hekk:
“The valuation of Viking Star at about Lm2,000 was assessed using my experience as a Bloodstock Insurance Underwriter over more than 17 years, in conjunction with discussions with the Maltese brokers, Fenici. It is based upon the expected sale value of Viking Star in Malta in 1995/96, upon consideration of the Correct Track Record and its potential race earnings……..”

“It is, in general terms, correct to suggest that the valuation of a horse may be based on factors other than its recent track record. Horses are valued according to their potential earnings from racing, and from potential earnings from breedeing after they retire from racing. A horse’s racing career will typically last from 2 years old to about 9 or 10 years old, depending upon its breed, its soundness, and whether it will retire early to go to stud. The value of a young horse which had not started racing would depend largely upon its breed and family pedigree as an indication of its future performance and earning potential in racing. In the case of horses coming to the end of their racing career, only their recent results, say in the past 12 months, would be used as an indication of further racing prizes, as older horses cannot maintain indefinitely the form they show earlier in their career. Towards the end of a horse’s racing career, its breed and family pedigree will only be relevant if it is a thoroughbred with potential to earn from breeding after it retires from racing.

In the case of Viking Star, the Proposal Form dated 31st August 1995, which is attached at pages 2-5 of JBR3, stated that it was 8 years old. Therefore, it would have only been able to continue racing for a further one or two seasons. Its value would have depended upon its projected earnings for this period, predicated upon its

track results for the previous 12 months. Viking Star had raced in Malta during that period, and its results earlier in its career, whether overseas or in Malta, would not have been significant. Similarly, its breed and family pedigree would have been irrelevant as an indication of future earnings from racing. I do not believe that Viking Star had any future value as a breeding stallion, and therefore its value would have depended entirely upon the remainder of its racng career."

22. Il-Qorti tinnota li hadd mill-partijiet ma talab in-nomina ta' espert tekniku biex jistabilixxi l-valur fis-suq taz-ziemel fid-data meta dan miet. La l-attur u lanqas Joe Debattista qatt ma zvelaw, sakemm tista' tara l-Qorti, il-prezz li bih gie nnegozjat dan iz-ziemel in kwistjoni. A fol. 14 tal-process hemm il-*claim form* li mela l-attur biex javanza l-pretensjoni tieghu mas-socjeta` konvenuta. Hemmhekk huwa indika li l-prezz li kien xtrah kien ta' sitt elef lira (Lm6,000) kif ukoll indika li s-somma assigurata kienet l-istess somma ta' sitt elf lira (Lm6,000). Pero`, dan <u>il-prezz</u> ta' sitt elef lira (Lm6,000), sa fejn tista' tara l-Qorti, qatt ma gie kkonfermat bil-gurament ta' xi xhud. Biex jirribatti parti mix-xiehda kontenuta fl-affidavit ta' Julian Bowen-Rees l-attur esebixxa dikjarazzjon ta' George Fenech, Chairman tal-Malta Racing Club, li tinsab a fol. 125 tal-process li fiha jinghad hekk:
"Normally all horses imported from abroad are always 8 or 9 years old and continue to race in Malta up to 17 years of age."

23. Id-difensur tas-socjeta` konvenuta ddikjara li dan id-dokument esebit mill-attur kien irrelevanti ghall-kawza odjerna billi d-dokument jikkontjeni opinjoni generika. Jirrizulta li l-partijiet kellhom kull opportunita` li jressqu l-provi taghhom dwar dan l-aspett tal-kawza. Nonostante li l-provi huma xotti ferm, din il-Qorti jidhrilha li hija ghandha tillikwida d-danni hija stess u dan bis-sahha tas-setgha moghtija lilha bl-Artikolu 233(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Mehuda c-cirkostanzi kollha rilevanti, din il-Qorti

jidhrilha li *arbitrio boni viri* ghandha tasal ghal-likwidazzjoni tal-valur ta’ dan iz-ziemel fid-data tal-mewt tieghu fis-somma ta’ erbat elef lira Maltija (Lm4,000).

24. Ghal dawn il-motivi, tilqa’ in parte l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddeciedi hekk:
1. (a) tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-attur ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta;

(b) tichad l-istess kontro-talba tas-socejta` konvenuta;

(c) tordna li l-ispejjez kollha konnessi ma’ din il-kontro-talba jigu kollha kemm huma sopportati mis-socjeta` appellata.

2. (a) tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta;

(b) tilqa’ t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta;

(c) tilqa’ l-ewwel u t-tieni domanda ta’ l-attur kontenuti fl-att tac-citazzjoni izda limitatament ghas-somma ta’ erbat elef lira (Lm4,000) u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` konvenuta appellata thallas lill-attur appellant l-imsemmija somma ta’ Lm4,000 bl-imghax legali dekorribbli mil-lum;

(d) tordna li l-ispejjez kollha kemm ta’ l-ewwel kif ukoll tat-tieni istanza konnessi mac-citazzjoni ta’ l-attur ghandhom jigu sopportati kwantu ghal zewg terzi (2/3) mis-socjeta` konvenuta appellata u kwantu ghar-rimanenti terz (1/3) mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------